SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

4 ta' Settembru 2018 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur – Direttiva 72/166/KEE – Artikolu 3(1) – It-Tieni Direttiva 84/5/KEE – Artikolu 1(4) – Obbligu li tinħareġ assigurazzjoni – Vettura stazzjonata f'art privata – Dritt ta' azzjoni legali tal-korp ta' kumpens kontra l-proprjetarju tal-vettura mhux assigurata"

Fil-Kawża C-80/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Supremo Tribunal de Justiça (il-Qorti Suprema, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Frar 2017, fil-proċedura

Fundo de Garantia Automóvel

vs

Alina Antónia Destapado Pão Mole Juliana,

Cristiana Micaela Caetano Juliana,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, M. Ilešič, L. Bay Larsen, T. von Danwitz u J. Malenovský, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, A. Borg Barthet, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev (Relatur), M. Berger, F. Biltgen, K. Jürimäe, C. Lycourgos M. Vilaras u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Jannar 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u T. Larsen, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u M. Hellmann, bħala aġenti,

– għall-Irlanda, minn M. Browne, G. Hodge u E. Creedon kif ukoll minn A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn G. Gilmore, BL,

– għall-Gvern Spanjol, minn V. Ester Casas, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Garofoli, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Latvjan, minn I. Kucina u G. Bambāne, bħala aġenti,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brandon kif ukoll C. Brodie, R. Fadoju, u G. Brown, bħala aġenti, assistiti minn A. Bates, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn K.-P. Wojcik u B. Rechena, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' April 2018,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE tal-24 ta' April 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10) kif emendata bid-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 (ĠU 2005, L 149, p. 14) (iktar 'il quddiem l-"Ewwel Direttiva"), u tal-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE tat-30 ta' Diċembru 1983 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3), kif emendata bid-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 (ĠU 2005, L 149, p. 14), (iktar 'il quddiem it-"Tieni Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Fundo de Garantia Automóvel (il-Fond ta' Garanzija għall-Karozzi, il-Portugall, iktar 'il quddiem il-"Fond") u Alina Antónia Destapado Pão Mole Juliana u Cristiana Micaela Caetano Juliana dwar ir-rimbors ta' kumpens li l-Fond ħallas lill-vittmi ta' inċident li fih kienet involuta l-vettura li hija l-proprjetà ta' A. A. Destapado Pão Mole Juliana u misjuqa minn binha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11) ħassret, b'mod partikolari, l-Ewwel u t-Tieni Direttivi. Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, għandhom jiġu kkunsidrati dawn iż-żewġ direttivi tal-aħħar.

4 L-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva kien jistabbilixxi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1. 'vettura' tfisser kull vettura bil-mutur intiża għal vjaġġi bl-art u mmexxija minn qawwa mekkanika, imma li ma timxix fuq il-linji, u kull karru, kemm jekk aggančjat u kemm jekk le;

[…]"

5 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva kien jipprovdi:

"Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 4, jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu ikun kopert minn assigurazzjoni. Il-limiti koperti tar-responsabbiltà u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri."

6 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva kien jipprevedi:

"Stat Membru jista' jaġixxi b'deroga ta' l-Artikolu 3 fir-rigward ta':

(a) ċerti persuni fiżiċi jew legali, pubbliċi jew privati; il-lista ta' dawn il-persuni għandha titfassal mill-Istat konċernat u komunikat lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Stat Membru li jidderoga b'dan il-mod għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li l-kumpens hu mħallas fir-rigward ta' kwalunkwe telfa jew dannu kkawżat fit-territorju tiegħu jew fit-territorju ta' Stati Membri oħra minn vetturi ta' tali persun. […]

(b) ċerti tipi ta' vetturi jew ċerti vetturi li jkollhom pjanċa speċjali; il-lista ta' dawn it-tipi jew ta' dawn il-vetturi għandha titfassal mill-Istat ikkonċernat u tiġi kkomunikata lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni.

F'dak il-każ Stati Membri għandhom jiżguraw li vetturi kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt huma trattati fl-istess mod bħal vetturi li għalihom l-obbligu ta' assigurazzjoni previst fl-Artikolu 3(1) ma ġiex sodisfatt. […]"

7 L-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva kien jgħid:

"Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jawtorizza korp bil-kompitu li jipprovdi kumpens, mill-inqas sal-limiti ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni għal ħsara lill-proprjetà jew danni personali kkawżati minn vettura mhix identifikata jew vettura li għaliha l-obbligu ta' assigurazzjoni previst fil-paragrafu 1 ma ġiex sodisfatt.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jqisu kumpens minn korp bħala sussidjarju jew mhux sussidjarju u d-dritt li jipprovdu għall-ħlas ta' pretensjonijiet bejn il-korp u l-persuna jew persuni responsabbli għall-inċident u assiguraturi oħra jew korpi ta' siġurta soċjali meħtieġa li jikkumpensaw il-vittma fir-rigward ta' l-istess inċident. Iżda, Stati Membri ma jistgħux iħallu l-korp jagħmel il-ħlas għall-kumpens kondizzjonali jekk il-vittma tistabbilixxi b'xi mod li l-persuna responsabbli ma tistax jew tirrifjuta li tħallas."

Id-dritt Portugiż

8 L-Artikolu 1(1) tad-Decreto-Lei Nru 522/85 – Seguro Obrigatório de Responsabilidade Civil Automóvel (id-Digriet Liġi Nru 522/85 dwar l-Assigurazzjoni Obbligatorja fuq il-Vetturi bil-Mutur għar-Responsabbiltà Ċivili) tal-31 ta' Diċembru 1985 (*Diário da República*, Serje I, Nru 301, is-6 suppliment, tal-31 ta' Diċembru 1985), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi Nru 522/85"), jipprevedi li kull persuna li tista' tkun responsabbli taħt id-dritt ċivili għal kumpens għal dannu finanzjarju jew dannu mhux finanzjarju minħabba dannu personali jew telf materjali kkaġunat lil terzi persuni b'xi vettur bil-mutur, il-karrijiet jew in-nofs-karrijiet tiegħu, għandu, biex dawk il-vetturi jkunu jistgħu jintużaw fit-triq, ikun kopert skont dan id-digriet liġi, b'assigurazzjoni li tkopri tali responsabbiltà.

9 Skont l-Artikolu 2 ta' dan id-Digriet Liġi, l-obbligu ta' assigurazzjoni jaqa', bħala prinċipju, fuq il-proprjetarju tal-vettura.

10 L-Artikolu 8(1) u (2) tal-imsemmi digriet liġi jipprovdi li l-kuntratt ikopri r-responsabbiltà ċivili tad-detentur tal-polza, tal-persuni obbligati li joħorġu assigurazzjoni, kif ipprovdut fl-Artikolu 2, u tad-detenturi u tas-sewwieqa leġittimi tal-vettura u jkopri wkoll il-ħlas ta' kumpens dovut minn dawk responsabbli għas-serq u l-użu illegali ta' vettura bil-mutur li tappartjeni lil ħaddieħor jew inċidenti tat-traffiku kkaġunati volontarjament, ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet.

11 Skont l-Artikolu 21 tad-Digriet Liġi Nru 522/85, huwa obbligu tal-Fond li jħallas il-kumpens li jirriżulta mill-inċidenti kkaġunati minn vetturi suġġetti għal assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur u rreġistrati b'mod partikolari fil-Portugall skont id-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet liġi.

12 Mill-Artikolu 25 tal-imsemmi digriet liġi jirriżulta li, malli jitħallas il-kumpens, il-Fond jiġi ssurrogat fid-drittijiet tal-parti leża, u jkollu d-dritt ukoll għall-interessi statutorji u għar-rimbors tal-ispejjeż minfuqa minnu fl-evalwazzjoni u l-ħlas, u li persuni li, filwaqt li jkunu taħt l-obbligu li jkollhom assigurazzjoni, ma jikkonkludux kuntratt ta' tali assigurazzjoni, jistgħu jitħarrku mill-Fond quddiem il-qrati. Huwa jibbenefika wkoll mid-dritt ta' azzjoni legali kontra persuni oħra responsabbli għall-inċident, jekk ikun hemm, fir-rigward tal-ammonti mħallsa.

13 L-Artikolu 503(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprevedi li kull persuna li effettivament issuq vettura bil-mutur u li tużaha għall-ħtiġijiet tagħha, anki jekk permezz ta' persuna inkarigata minnha, tkun responsabbli għad-danni li jirriżultaw mir-riskji konnessi mal-vettura nnifisha, kemm jekk tintuża u kemm jekk ma tkunx qed tintuża.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 A. A. Destapado Pão Mole Juliana, il-proprjetarja ta' vettura bil-mutur irreġistrata fil-Portugall, kienet, minħabba problemi ta' saħħa, waqfet issuq din il-vettura li kienet stazzjonata fil-bitħa tad-dar tagħha, mingħajr ma ħadet passi biex tiġi rtirata uffiċjalment miċ-ċirkulazzjoni.

15 Fid-19 ta' Novembru 2006, din il-vettura, misjuqa minn iben A. A. Destapado Pão Mole Juliana, li kien ħa pussess mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' ommu u mingħajr l-għarfien tagħha, ħareġ mit-triq, ħaġa li kkawżat il-mewt tas-sewwieq kif ukoll ta' żewġ persuni oħra, li kienu abbord din il-vettura bħala passiġġieri.

16 A. A. Destapado Pão Mole Juliana ma kinitx, f'dik id-data, koperta minn assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mis-sewqan tal-imsemmija vettura.

17 Wara li kkumpensa l-aventi kawża tal-passiġġieri tal-istess vettura għal ħsara li rriżultat mill-inċident inkwistjoni, il-Fond sussegwentement ressaq azzjoni legali kontra A. A. Destapado Pão Mole Juliana kif ukoll C. M. Caetano Juliana, bint is-sewwieq, li biha talab il-ħlas lura tas-somma ta' EUR 437 345.85.

18 Fir-risposta tagħha, A. A. Destapado Pão Mole Juliana sostniet b'mod partikolari li hija ma kinitx responsabbli għall-inċident u li, sa fejn hija kienet ipparkjat il-vettura tagħha fil-bitħa tad-dar tagħha u fejn hija ma kellhiex l-intenzjoni li tqegħedha fiċ-ċirkulazzjoni, hija ma kinitx obbligata li tikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' din il-vettura.

19 Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet parzjalment ir-rikors ippreżentat mill-Fond, billi qieset li l-fatt li l-proprjetarja tal-vettura ma xtaqitx tqegħedha fiċ-ċirkulazzjoni u li l-inċident seħħ mingħajr ma tista' tiġi imputata lilha r-responsabbiltà tal-inċident ma kienx jeskludi l-obbligu li jiġi konkluż kuntratt ta'

assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' din il-vettura. Skont din il-qorti, dan il-kuntratt jiggarantixxi l-ħlas ta' kumpens lill-vittmi ta' inċident tat-traffiku anki fil-każ ta' serq tal-vettura.

20 A. A. Destapado Pão Mole Juliana appellat mis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza quddiem it-Tribunal da Relação (il-Qorti tal-Appell, il-Portugall).

21 Din ikkonkludiet li ma kienx hemm l-obbligu ta' konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu tal-vettura kkonċernata, kif ukoll li ma kienx hemm ir-responsabbiltà ta' A. A. Destapado Pão Mole Juliana, annullat is-sentenza tal-ewwel istanza, u ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-Fond.

22 Insostenn tal-appell ippreżentat quddiem is-Supremo Tribunal de Justiça (il-Qorti Suprema, il-Portugall), il-Fond isostni li hemm riskji relatati mal-vetturi, li jimplika l-obbligu ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili marbuta magħhom, anki meta huma ma jkunux fiċ-ċirkulazzjoni. Il-Fond qed jitlob ukoll li lill-Qorti tal-Ġustizzja ssirilha domanda dwar jekk id-dritt ta' surroga rrikonoxxut lilha mogħti skont l-Artikolu 25 tad-Digriet Liġi Nru 522/85 huwiex indipendenti mis-sistema nazzjonali ta' attribuzzjoni ta' responsabbiltà ċivili prevista fl-Artikolu 503(1) tal-Kodiċi Ċivili.

23 Is-Supremo Tribunal de Justiça (il-Qorti Suprema) tirrileva li l-appell quddiemha jqajjem il-kwistjoni dwar jekk l-obbligu għall-proprjetarju ta' vettura li jikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li jirriżulta mill-użu tal-vettura tiegħu joħroġx mis-sempliċi fatt li huwa l-persuna li għandha d-dritt għall-proprjetà fuq din il-vettura, jew jekk dan l-obbligu ma jkunx jeżisti meta l-vettura, b'għażla tal-proprjetarju, tiġi immobilizzata barra mit-toroq pubbliċi.

24 Mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk (C-162/13, EU:C:2014:2146), jirriżulta li jaqa' taħt il-kunċett ta' "użu ta' vetturi", previst fl-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, kull użu ta' vettura li huwa konformi mal-funzjoni normali ta' dik il-vettura.

25 Madankollu, il-kawża prinċipali hija differenti minn dik li tat lok għall-imsemmija sentenza, sa fejn kuntratt ta' assigurazzjoni ma kienx ġie konkluż f'dan il-każ, u sa fejn il-vettura kienet, b'għażla tal-proprjetarja tagħha, immobilizzata fuq proprjetà privata, u kienet tqegħdet fiċ-ċirkulazzjoni mingħajr ma l-imsemmija proprjetarja kienet taf u lanqas kienet tat il-permess tagħha.

26 F'tali sitwazzjoni, jidher li l-qorti tar-rinviju tqis li ma jeżistix obbligu li tittieħed assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà ċivili marbuta mal-użu tal-vettura inkwistjoni.

27 Fil-fatt, l-imsemmi obbligu jiġi impost biss meta, minn naħa, il-proprjetarju tal-vettura affettwata jqegħedha fiċ-ċirkulazzjoni jew fi stat li jwassal għal riskju li jirriżulta mill-użu taċ-ċirkulazzjoni tal-vettura bil-mutur u, min-naħa l-oħra, ikun jista' jinstab ċivilment responsabbli lejn partijiet terzi għal danni mġarrba mill-użu ta' din il-vettura. Ikun sproporzjonat li jitqies li dan l-istess obbligu jiġi impost fuq il-proprjetarju meta jkun għażel li jirtira l-vettura tiegħu miċ-ċirkulazzjoni u meta l-inċident ikun iseħħ wara l-approprjazzjoni illegali ta' din il-vettura, misjuqa mingħajr ma l-proprjetarju jkun ta l-kunsens tiegħu.

28 Madankollu, peress li l-involviment tal-korp msemmi fl-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva, ma kienx previst, skont din id-dispożizzjoni, ħlief meta d-danni jkunu kkawżati minn vettura li għaliha ma jkunx ġie ssodisfatt l-obbligu ta' assigurazzjoni previst fl-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, il-fatt li jitqies li persuna tinsab fil-pożizzjoni ta' A. A. Destapado Pão Mole Juliana ma hijiex suġġetta għal dan l-obbligu jimplika li l-Fond ma għandux jintervjeni f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

29 Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva joħloq dubju dwar jekk ir-responsabbiltà tal-proprjetarju tal-vettura tistax titnissel minħabba s-sempliċi fatt li huwa l-proprjetarju, jew jekk hija tkunx limitata għall-każijiet li fihom ir-responsabbiltà ċivili tista' tkun titnissel għad-danni li jirriżultaw mill-inċident.

30 B'mod partikolari, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-Fond jistax iressaq azzjoni legali kontra l-proprjetarju tal-vettura li ma jkunx osserva l-obbligu tiegħu li jikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li jirriżulta miċ-ċirkulazzjoni ta' din il-vettura sabiex jikseb ir-rimbors ta' kumpens imħallas lil vittmi, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk ir-responsabbiltà ċivili ta' dan il-proprjetarju titnissilx minħabba l-inċident inkwistjoni, jew jekk jistax jaġixxi wkoll meta l-kundizzjonijiet li jnisslu tali responsabbiltà, b'mod partikolari dik li wieħed ikollu l-kontroll tal-vettura, fis-sens tal-Artikolu 503(1) tal-Kodiċi Ċivili, ikunu ssodisfatti.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Supremo Tribunal de Justiça (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3 ta' [l-Ewwel Direttiva] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' teħid ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur japplika wkoll għal sitwazzjonijiet fejn il-vettura, fuq għażla tal-proprjetarju, tinsab wieqfa f'art privata, barra mit-triq pubblika?

jew

[għandu jiġi interpretat fis-sens li,] indipendentement mir-responsabbiltà li jassumi l-[Fond] […] fil-konfront ta' terzi leżi, b'mod speċifiku f'każijiet ta' użu illegali ta' vetturi bil-mutur, f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn l-obbligu ta' assigurazzjoni ma kienx jaqa' fuq il-proprjetarju tal-vettura?

2) L-Artikolu 1(4) [tat-Tieni Direttiva] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-[Fond] […] li, fl-assenza ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili, wettaq il-ħlas ta' kumpens lit-terzi leżi minħabba inċident tat-traffiku kkawżat minn vettura bil-mutur li, mingħajr ma l-proprjetarju kien jaf jew ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, tneħħiet mill-art privata fejn kienet wieqfa, għandu d-dritt ta' surroga fil-konfront tal-proprjetarju tal-vettura, indipendentement mir-responsabbiltà ta' dan tal-aħħar għall-inċident?

jew

[Għandu jiġi interpretat fis-sens li s]-surroga tal-Fundo[…] fil-konfront tal-proprjetarju tiddependi mill-verifika tas-sussistenza ta' responsabbiltà ċivili, b'mod speċifiku tal-fatt li, fl-okkażjoni li fih seħħ l-inċident, il-proprjetarju ikollu l-kontroll effettiv tal-vettura?"

32 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Awwissu 2017, l-Irlanda, bis-saħħa tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' bħala Awla Manja.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

33 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li l-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur hija obbligatorja meta l-vettura kkonċernata tinsab, unikament b'għażla tal-proprjetarju tagħha li ma jkollux iktar l-intenzjoni li jsuqha, stazzjonata f'art privata.

34 Din id-domanda hija bbażata fuq il-premessa li tgħid li l-Fond talab lil A. A. Destapado Pão Mole Juliana, abbażi tal-Artikolu 25 tad-Digriet Liġi Nru 522/85, li r-rimbors tal-kumpens imħallas lill-aventi kawża tal-vittmi ta' inċident li fih kienet involuta l-vettura tagħha għar-raġuni li, minn naħa, hija kienet suġġetta għall-obbligu li tikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li jirriżulta mill-użu ta' din il-vettura u, min-naħa l-oħra, li hija naqset milli twettaq dan l-obbligu. Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fis-sitwazzjoni deskritta fil-punt preċedenti, l-imsemmija vettura kellhiex tkun koperta minn tali assigurazzjoni.

35 B'din il-premessa, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha, bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, sabiex ir-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi li normalment ikunu wieqfa fit-territorju tiegħu jkunu koperti b'assigurazzjoni.

36 L-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, redatt fi kliem ġenerali ħafna, għalhekk jimponi fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu, fl-ordni legali tagħhom interna, obbligu ġenerali ta' assigurazzjoni tal-vetturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Csonka *et*, C-409/11, EU:C:2013:512, punt 24).

37 B'hekk, kull Stat Membru għandu jiżgura li, suġġett għad-derogi previsti fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, kull vettura normalment wieqfa fit-territorju tiegħu tkun koperta b'kuntratt konkluż ma' kumpannija ta' assigurazzjoni sabiex jiggarantixxi, fil-limiti ddefiniti mid-dritt tal-Unjoni, ir-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-imsemmija vettura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Csonka *et*, C-409/11, EU:C:2013:512, punt 28).

38 Il-kunċett ta' "vettura" huwa ddefinit fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva, bħala "kull vettura bil-mutur intiża għal vjaġġi bl-art". Din id-definizzjoni hija indipendenti mill-użu li jsir jew li jista' jsir mill-vettura inkwistjoni (sentenzi tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk, C-162/13, EU:C:2014:2146, punt 38, u tat-28 ta' Novembru 2017, Rodrigues de Andrade, C-514/16, EU:C:2017:908, punt 29).

39 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 63 sa 65 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali definizzjoni timmilita favur interpretazzjoni oġġettiva tal-kunċett ta' "vettura", li ma tiddependix mill-intenzjoni tal-proprjetarju tal-vettura jew ta' persuna oħra li effettivament tintuża.

40 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, b'differenza, b'mod partikolari, tal-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk (C-162/13, EU:C:2014:2146), tat-28 ta' Novembru 2017, Rodrigues de Andrade (C-514/16, EU:C:2017:908), u tal-20 ta' Diċembru 2017, Núñez Torreiro (C-334/16, EU:C:2017:1007), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward ta' vetturi bil-mutur li għalihom kienet ġiet sottoskritta assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta miċ-ċirkulazzjoni tagħhom, kienet intalbet tispeċifika l-każijiet ta' użu tal-vettura assigurata li jaqgħu fl-ambitu tal-kopertura ta' assigurazzjoni b'hekk sottoskritta, il-kawża prinċipali tikkonċerna l-kwistjoni, distinta, tal-portata tal-obbligu li tiġi sottoskritta tali assigurazzjoni, li għandha, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, tiġi ddeterminata minn qabel, jiġifieri qabel l-involviment possibbli tal-vettura kkonċernata f'inċident.

41 Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, iddeċidiet, fis-sentenzi msemmija fil-punt preċedenti, li huma biss il-każijiet ta' użu tal-vettura assigurata li jaqgħu taħt l-użu tagħha bħala mezz ta' trasport u, għaldaqstant, taħt il-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva jew tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103, li jistgħu jagħtu lok għat-teħid ta' responsabbiltà mill-assiguratur, skont il-kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' din il-vettura, tad-dannu kkawżat minn dan tal-aħħar, bl-ebda mod ma jfisser li l-eżistenza tal-obbligu ta' sottoskrizzjoni ta' assigurazzjoni għandha tiġi ddeterminata skont l-użu effettiv tal-vettura inkwistjoni bħala mezz ta' trasport f'mument partikolari.

42 Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, għandu jitqies li vettura li tkun irreġistrata u għalhekk ma ġietx irtirata regolarment miċ-ċirkulazzjoni, u li tkun adatta biex tiċċirkula, tissodisfa l-kunċett ta' "vettura", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 1, tal-ewwel Direttiva, u ma tieqafx milli taqa' taħt l-obbligu ta' assigurazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, għas-sempliċi raġuni li l-proprjetarja tagħha ma tkunx iktar bi ħsiebha ssuq u timmobilizzaha fuq art privata.

43 L-interpretazzjoni preċedenti ma hijiex imqiegħda inkwistjoni mill-argument tal-Gvern Ġermaniż, tal-Irlanda, tal-Gvern Taljan u tal-Gvern tar-Renju Unit, li jgħid li kunċett wiesa' tal-portata tal-obbligu ġenerali ta' assigurazzjoni ma hijiex meħtieġa sa fejn id-danni li jseħħu f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu jiġu kkumpensati mill-korp imsemmi fl-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva.

44 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, hija tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu korp bil-kompitu li jipprovdi kumpens, mill-inqas sal-limiti tal-obbligu ta' assigurazzjoni previsti mid-dritt tal-Unjoni, għad-danni materjali jew personali kkawżati b'mod partikolari minn vettura li ma kinitx tissodisfa dan l-obbligu.

45 B'hekk, l-intervent ta' tali korp ġie maħsub bħala miżura tal-aħħar rikors, prevista biss fil-każijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni, u ma tistax titqies li hija l-implimentazzjoni ta' sistema ta' garanzija tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili dwar l-użu ta' vetturi barra mill-imsemmija każijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Csonka *et*, C-409/11, EU:C:2013:512, punti 30 sa 32).

46 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-portata tal-intervent obbligatorju tal-korp ta' kumpens, imsemmi fl-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva tikkoinċidi għalhekk, fir-rigward tad-danni kkawżati minn vettura identifikata, mal-portata tal-obbligu ġenerali ta' assigurazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva. L-intervent obbligatorju ta' dan il-korp f'sitwazzjoni bħal din ma tistax għaldaqstant tiġi estiża għal każijiet fejn il-vettura involuta f'inċident ma taqax taħt l-obbligu ta' assigurazzjoni.

47 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni adottata fil-punti 38 sa 42 ta' din is-sentenza tippermetti li jiġi żgurat it-twettiq tal-għan ta' protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi bil-mutur, kif imsemmi fid-direttivi dwar l-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta miċ-ċirkulazzjoni ta' dawn il-vetturi, li ġie mfittex u msaħħaħ b'mod kostanti mil-leġiżlatur tal-Unjoni (sentenza tat-28 ta' Novembru 2017, Rodrigues de Andrade, C-514/16, EU:C:2017:908, punti 32 u 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tiżgura li l-vittmi jiġu, f'kull każ, ikkumpensati jew mill-assiguratur, abbażi ta' kuntratt konkluż għal dan il-għan, jew mill-korp imsemmi fl-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva fil-każ li fih ma jkunx ġie ssodisfatt l-obbligu ta' assigurazzjoni tal-vettura involuta fl-inċident jew meta din il-vettura ma tkunx ġiet identifikata.

48 Fil-kawża prinċipali, jirriżulta mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-vettura ta' A. A. Destapado Pão Mole Juliana kienet normalment wieqfa fit-territorju ta' Stat Membru, jiġifieri l-Portugall. Fil-fatt, din il-vettura kienet, fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, dejjem irreġistrata f'dan l-Istat Membru.

49 Barra minn hekk, din il-vettura kienet f'kundizzjoni ta' sewqan, kif jixhed il-fatt li iben A. A. Destapado Pão Mole Juliana kien qed isuqha fil-mument meta seħħ l-inċident.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kien jaqa' taħt l-obbligu ta' assigurazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva.

51 Kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-fatt li A. A. Destapado Pão Mole Juliana kienet stazzjonata fuq art privata, jiġifieri fil-bitħa tad-dar tagħha, qabel ma binha ħa l-pussess tagħha, u li hija ma kellhiex iktar l-intenzjoni li ssuqha, ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward taċ-ċirkulazzjoni ta' vettura bil-mutur hija obbligatorja meta l-vettura kkonċernata tkun dejjem irreġistrata fi Stat Membru u tkun tista' tiċċirkula, iżda tinsab, unikament b'għażla tal-proprjetarju tagħha li ma jkollux iktar l-intenzjoni li ssuqha, stazzjonata fuq art privata.

Fuq it-tieni domanda

53 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-korp imsemmi f'din id-dispożizzjoni jkollu d-dritt li jressaq azzjoni legali kontra l-persuna li kienet suġġetta għall-obbligu li tiġi sottoskritta assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta miċ-ċirkulazzjoni tal-vettura li tkun ikkawżat id-danni koperti minn dan il-korp, iżda ma tkunx ikkonkludiet kuntratt għal dan il-għan, anki meta din l-istess persuna ma tkunx ċivilment responsabbli għall-inċident li fih dawn id-danni jkunu seħħew.

54 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva jħalli espressament miftuħa l-possibbiltà għall-Istati Membri li jagħtu lill-intervent tal-imsemmi korp natura sussidjarja u jippermetti lilhom li jirregolaw l-azzjonijiet legali bejn dan l-istess korp u l-persuni responsabbli għall-inċident kif ukoll ir-rabtiet mal-assiguraturi jew korpi tas-sigurtà soċjali oħra obbligati li jikkumpensaw il-vittma għall-istess inċident (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2003, Evans, C-63/01, EU:C:2003:650, punt 32).

55 Għalkemm il-leġiżlatur tal-Unjoni ried iżomm id-dritt tal-Istati Membri li jirregolaw l-azzjonijiet legali tal-korp ta' kumpens, imsemmi fl-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva, b'mod partikolari, kontra "l-persuna jew persuni responsabbli għall-inċident", huwa madankollu ma armonizzax l-aspetti differenti dwar l-azzjonijiet legali ta' tali korp, b'mod partikolari d-determinazzjoni ta' persuni oħra li jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali azzjonijiet legali, b'mod li, kif enfasizzat il-Kummissjoni, dawn l-aspetti jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru.

56 B'hekk, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tipprevedi li, meta l-proprjetarju tal-vettura involuta fl-inċident ikun naqas milli jwettaq l-obbligu li jassigura din il-vettura li kien jaqa' fuqu, bħal f'dan il-każ, bis-saħħa tal-liġi nazzjonali, l-imsemmi korp ta' kumpens jista' jressaq azzjoni, barra l-persuna jew persuni responsabbli għall-inċident, kontra dan il-proprjetarju, irrispettivament mir-responsabilità ċivili ta' dan tal-aħħar fis-seħħ tal-inċident.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-korp imsemmi f'din id-dispożizzjoni jkollu d-dritt li jressaq azzjoni legali kontra, barra l-persuna jew il-persuni responsabbli għall-inċident, kontra l-persuna li kienet suġġetta għall-obbligu li tiġi sottoskritta assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta miċ-ċirkulazzjoni

tal-vettura li tkun ikkawżat id-danni kkumpensati minn dak il-korp, iżda li ma tkunx ikkonkludiet kuntratt ta' assigurazzjoni għal dan il-għan, anki meta din il-persuna ma tkunx ċivilment responsabbli għall-inċident li fih dawn id-danni jkunu seħħew.

Fuq l-ispejjeż

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, kif emendata bid-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward taċ-ċirkulazzjoni ta' vettura bil-mutur hija obbligatorja meta l-vettura kkonċernata tkun dejjem irreġistrata fi Stat Membru u tkun tista' tiċċirkula, iżda tinsab, unikament b'għażla tal-proprjetarju tagħha li ma jkollux iktar l-intenzjoni li ssuqha, stazzjonata fuq art privata.**

2) **L-Artikolu 1(4) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE tat-30 ta' Diċembru 1983 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, kif emendata bid-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-korp imsemmi f'din id-dispożizzjoni jkollu d-dritt li jressaq azzjoni legali kontra, barra l-persuna jew il-persuni responsabbli għall-inċident, kontra l-persuna li kienet suġġetta għall-obbligu li tiġi sottoskritta assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta miċ-ċirkulazzjoni tal-vettura li tkun ikkawżat id-danni kkumpensati minn dak il-korp, iżda li ma tkunx ikkonkludiet kuntratt ta' assigurazzjoni għal dan il-għan, anki meta din il-persuna ma tkunx ċivilment responsabbli għall-inċident li fih dawn id-danni jkunu seħħew.**

Firem